MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2003

Rikors Numru. 1515/2001/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2292/01 fl-ismijiet:**

**CHARLES DE GIORGIO LIMITED**

**vs**

**Perit Christian SPITERI**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mill-Perit Christian Spiteri fil-11 ta' Settembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontrih fil-31 ta' Lulju, 2001, mill-kumpannija intimata; tikkundanna lill-kumpannija intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali; u, fin-nuqqas li tħassar il-Mandat, li tordna lill-kumpannija intimata eżekutanti biex iġġib garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u d-danni li r-rikorrent jista' jġarrab minħabba l-Mandat;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-9 t'Ottubru, 2001;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata Charles DeGiorgio Limited fil-15 t'Ottubru, 2001, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, seħqet li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

Rat id-dokument mehmuż mat-Tweġiba;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqin minnhom waqt is-smigħ;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-31 t'Ottubru, 2001;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta’ Novembru, 2002, fuq talba magħmula mir-rikorrent b’rikors tat-8 ta’ Novembru, 2002;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u kif ukoll tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, jidher li r-rikorrent eżekutat qiegħed jipprova jneħħi minn fuqu, għal kollox jew imqar f’biċċa, l-effetti ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li l-kumpannija Charles DeGiorgio Limited ħarġet kontrih fis-7 t’Awissu, 2001. It-talba għall-ħruġ tal-Mandat tressqet fil-31 ta’ Lulju, 2001, kontra r-rikorrent għal “ammont ta’ danni dovuti mis-sekwestrat lis-soċjeta’ sekwestranti, liema ammont qed jiġi likwidat għall-fini ta’ dan il-Mandat”. Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta’ għoxrin elf lira Maltija (Lm20,000). Jirriżulta li l-Qorti li ntalbet biex tordna l-ħruġ tal-Mandat tat degriet fil-31 ta’ Lulju, 2001, li bih stiednet lill-kumpannija eżekutanti “tfisser aħjar il-kawżali”. B’nota mressqa fis-6 t’Awissu, 2001, il-kumpannija fissret il-kawżali u tat tagħrif ieħor marbut mal-Mandat minnha mitlub. Il-Qorti ordnat il-ħruġ tal-Mandat b’degriet tas-7 t’Awissu, 2001;

Illi l-Mandat inħareġ fil-qafas ta’ talba rikonvenzjonali li l-kumpannija intimata għamlet f’att taċ-Ċitazzjoni mressaq

kontriha mir-rikorrent fit-18 ta' Ġunju, 2001[1]. Kif joħroġ mix-xhieda li tressqet quddiem il-Qorti, ir-rikorrent kien qiegħed jippretendi ħlas għal prestazzjonijiet professjonali li wettaq lill-kumpanija intimata, saż-żmien qabel ma din kienet temmitlu l-ħatra. Il-kumpannija intimata kienet ikkontestat il-kont mibgħut lilha mir-rikorrent bħala wieħed eċċessiv, u kienet ukoll ressqet ilmenti dwar il-ħila u l-kompetenza tiegħu fit-twettiq tal-ħatra mogħtija. Ir-rikorrent kien fetaħ kawża kontra l-kumpannija, u kien ukoll ħareġ Mandat ta' Sekwestru kontra tagħha (dak il-Mandat ma jagħmilx parti mill-proċeduri preżenti). Min-naħa tagħha, il-kumpannija laqgħet billi ressqet talba rikonvenzjonali kontra r-rikorrent u, flimkien magħha, ressqet il-Mandat taħt eżami;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent bħala dawk li għalihom huwa qiegħed jitlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tiegħu huma: (a) li l-ammont mitlub fil-Mandat m'hux *prima facie* ġustifikat[2]; (b) li fiċ-ċirkostanzi m'hux raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[3] ; (ċ) li r-rikorrent ma jista' qatt jinżamm responsabbli għall-aġir li l-intimata eżekutanti tixlih bih b'mod li jirrendi l-Mandat nieqes minn kull bażi legali u mill-interess ġuridiku u għalhekk ukoll ma jiswiex. Minbarra dan, huwa jgħid li l-intimata ma interpellatux fi żmien ħmistax-il jum qabel ressqet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat[4], li ċ-ċirkostanzi tiegħu ma jagħtux lok għal dubju dwar il-likwidita' tiegħu[5], u li l-Mandat kien wieħed fieragħ u maħsub biss biex idejjaq lir-rikorrent[6];

Illi wħud mit-talbiet tar-rikorrenti huma alternativi għall-ewwel talba tat-tħassir tal-Mandat;

---

[1] Ċitazz. Nru. 1085/01GV
[2] Art. 836(1)(d) tal-Kap 12
[3] Art. 836(1)(f) tal-Kap 12
[4] Art. 836(8)(b) tal-Kap 12
[5] Art. 836(8)(ċ) tal-Kap 12
[6] Art. 836(8)(d) tal-Kap 12

Illi, għat-talbiet tar-rikorrenti, l-kumpannija intimata eżekutanti tilqa' billi tgħid li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni li għaliha jista' jintlaqa' dak mitlub mir-rikorrent, u żżid tinsisti li l-Mandat inħareġ biex iħares il-pretensjonijiet leġittimi tagħha kif imsawrin fil-kontro-talba li hija ressqet fl-istess waqt dakinhar li nħareġ il-Mandat attakkat. Hija tgħid li ladarba l-Mandat inħareġ biex iħares il-pretensjonijiet tagħha fl-imsemmija kontro-talba, r-rikors imissu jinstama' mill-Qorti li kienet qegħda tisma' l-kawża fil-mertu[7]. Hija twarrab ukoll kull allegazzjoni magħmula mir-rikorrent dwar l-eċċessivita' tas-somma msemmija fil-Mandat u kif ukoll tal-likwidita' tiegħu, bħalma daqstant ieħor tiċħad li hija aġixxiet b'mod vessatorju jew b'ħażen meta talbet il-ħruġ tal-Mandat;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[8]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn l-azzjonisti u lanqas is-siwi tax-xiljiet li huma jagħmlu lil xulxin fix-xhieda mogħtija minnhom;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat ta' Sekwestru relattiv inħareġ kontra r-rikorrent personalment u ġew indikati erba' (4) sekwestratarji, ilkoll banek kummerċjali f'Malta. Minn dawn, wieħed biss iddikjara li żamm f'idejh assi tar-rikorrent[9], filwaqt li sekwestratarju ieħor iddikjara li r-rikorrent huwa titolari ta'

---

[7] Art. 836(1) tal-Kap 12
[8] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[9] Ara ittra tal-Bank of Valletta tas-6 ta' Settembru, 2001, fejn jissemma li nżammet is-somma ta' Lm658.05 (paġ 46 tal-atti)

*debit account*[10] u s-sekwestratarji l-oħrajn iddikjaraw li ma kellhomx f'idejhom flejjes jew assi tar-rikorrent. Ir-rikorrent ma kienx ġie notifikat bil-Mandat meta dan inħareġ, tant li kien ġie mgħarraf bih minn wieħed mis-sekwestratarji[11];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qiegħed jibnihom fuq kawżali speċifiċi tal-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[12];

Illi r-rikorrenti jsemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) L-impossibilita' li huwa jista' qatt jinsab responsabbli għad-dewmien tal-ħruġ tal-permessi. Il-Qorti tibda minn dan l-ilment biex tgħid li raġuni bħal din ma tista' qatt tiswa fi proċedura bħal din preżenti għaliex m'hijiex waħda li taqa' taħt xi waħda mis-sitt kontinġenzi maħsuba espressament mil-liġi biex tista' tintlaqa' talba għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Huwa miżmum minn għadd ta' degrieti ta' dawn il-Qrati[13], li r-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 836 (1) huma tassattivi, u għandhom jiġu mfissra b'mod restrittiv u mhux b'analoġiji. Minbarra dan, il-kwestjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux iwieġeb għax-

[10] Ara ittra tal-APS Bank tat-3 ta' Settembru, 2001 (paġ. 49 tal-atti)
[11] Xhieda tar-rikorrent 30.10.2001, f'paġġ. 18-9 tal-atti
[12] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[13] Ara, per eżempju, P.A. RCP **10.5.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et***

xiljiet tal-kumpannija intimata hija waħda li tolqot sewwasew il-mertu tal-kwestjoni li l-partijiet għandhom bejniethom fl-atti tal-kawża u tal-kontro-talba, u din il-Qorti m'hijiex sejra tippronunzja ruħha dwarha jew b'xi mod tagħmel dikjarazzjonijiet li jistgħu jorbtu idejn il-Qorti li qegħda tismagħhom;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ntweriet l-ebda raġuni tajba biex tqis li tħassar il-Mandat fuq din il-kawżali;

<u>B)</u> <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> (Art. 836(1)(d)). Ir-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu dwar din il-kawżali billi jgħid li l-Mandat huwa wieħed mingħajr bażi ta' xejn u li m'hemm l-ebda "pretiża biex issostni dan l-ammont". Min-naħa tagħha, l-intimata eżekutanti fissret x'inhuma l-ilmenti tagħha kontra r-rikorrent u kif waslet biex "tillikwida" l-pretensjonijiet tagħha kontrih[14];

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-

[14] Ara Nota datata 6.8.01 mehmuża mal-Mandat u xhieda ta' David Stellini 31.10.2001, f'paġ .94 tal-atti

interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[15];

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[16] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi l-argument imressaq mir-rikorrent dwar din il-kawżali ma jistax jitqies bħala wieħed siewi f'din l-istanza, u dan għar-raġuni msemmija waqt li kienet qegħda titqies l-ewwel kawżali. Minbarra dan, il-prova li kellu jagħmel ir-rikorrent dwar ilgħaliex l-ammont imsemmi fil-Mandat mhux ġustifikat jew huwa eċċessiv ma saritx. Il-kriterju ta' x'inhu l-ammont ġustifikat jew x'inhu eċċessiv ma jiġix pruvat b'argument li jifforma l-mertu tal-kwestjoni. Min-naħa l-oħra, t-tifsira mogħtija mir-rappreżentant tal-kumpannija intimata dwar kif waslu biex semmew l-ammont imsemmi fil-Mandat jagħti tifsira li wieħed jista' jifhimha;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tal-kumpannija rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> (Art. 836(1)(f)). Dwar din il-kawżali, ir-rikorrent reġa' ma żied l-ebda prova mal-argument minnu mtella' fiż-żewġ kawżali ta' qabel. Il-biċċa l-kbira tar-rikors tiegħu, tal-provi mressqin minnu u tas-sottomissjonijiet li saru f'ismu mill-

[15] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[16] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

abbli difensur tiegħu kienu kollha immirati lejn it-talba tiegħu biex l-intimata eżekutanti tiġi kundannata tħallas penali għan-nuqqasijiet minnu ravviżati taħt l-artikolu 836(8);

Illi huwa minnu li r-rikorrent ressaq provi dwar kemm għandu ġid jew interessi fi proprjeta' u kemm għandu storja impekkabbli fir-rabtiet tiegħu mal-banek, imma dan kollu sar fid-dawl tax-xilja tiegħu kontra l-kumpannija intimata taħt l-artikolu 836(8)(ċ). Minbarra dan, huwa ma sejjisx ir-rikors tiegħu fuq il-kawżali tal-garanzija xierqa alternativa[17], u l-Qorti ma tistax minn rajha tissupplixxi rimedju f'dan il-każ fuq kawżali li r-rikorrent innifsu ma jitlobx[18];

Illi, allura, quddiem din il-Qorti jifdal biss l-argument tar-rikorrenti li l-ilmenti mressqin mill-kumpannija intimata ma jistgħu qatt jiġu indirizzati lejh, imma lejn l-Awtorita' tal-Ippjanar li, skond hu, kaxkret saqajha u għadha qegħda tagħmel hekk bla ħtija min-naħa tiegħu. Bl-akbar rigward lejn dan l-argument u kif diġa' ssemma aktar qabel, dan huwa argument li jolqot il-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti diġa' stqarret li dan (jiġifieri, l-istħarriġ fil-mertu) ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija għandha ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu, u indipendentement minn jekk il-pretensjoni hijiex fondata jew le[19];

---

[17] Art. 836(1)(ċ) u (e) tal-Kap 12
[18] Ara, per eżempju, P.A. RCP **4.4.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Marion Aquilina vs Victor Aquilina***
[19] Ara P.A. RCP **10.5.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited***

Illi biżżejjed jingħad li jekk, ‘il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-kumpannija intimata eżekutanti m’għandha titħallas xejn mir-rikorrent, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta’ kwestjoni fil-mertu ma tista’ qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b’mod vessatorju jew fieragħ[20]. Allura, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kwestjoni ta’ jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutat;

Illi, naturalment, il-Mandat ta’ Sekwestru taħt eżami weġġa’ lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m’huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li “jiffriża” l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b’dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma

[20] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[21];

Illi, fl-aħħarnett għall-finijiet tal-kawżali taħt eżami irid jingħad li r-rikorrent naqas li juri li kienet xi ċirkostanza li seħħet **wara** li nħareġ il-Mandat li llum qegħda tagħmlu mhux iżjed raġonevoli jew meħtieġ li jinżamm fis-seħħ. Dan ukoll huwa element ewlieni li jrid jiġi ippruvat minn min irid it-tħassir ta' mandat kawtelatorju li jkun inħareġ kontir;

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi r-rikorrent talab ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab l-ewwelnett il-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[22]; u talab ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimata eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-penali li hija tista'tkun ikkundannata tħallas[23]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

[21] Art. 836(9) tal-Kap 12
[22] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[23] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[24]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex tiżgura wkoll li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji ma jsirx abbuż minnu;

Illi erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[25]. F'dan il-każ, ir-rikorrent isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq tnejn minnhom, jiġifieri dawk iċ-ċirkostanzi maħsubin taħt l-artikolu 836(8)(b) u (ċ) tal-Kap 12;

Illi ż-żewġ kawżali li sejrin jitqiesu f'dan ir-rigward jitkellmu dwar (a) nuqqas ta' ġustifikazzjoni għall-ħruġ tal-att (jiġifieri, f'dan il-każ, tal-Mandat) jew nuqqas ta' talba qabel il-ħruġ tiegħu; u (b) iċ-ċirkostanzi tal-parti intimata dwar il-likwidita' tagħha;

---

[24] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[25] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, ir-rikorrent jissottometti li l-ħruġ tal-Mandat ma kien bl-ebda mod ġustifikat u kif ukoll li hu qatt ma ntalab mill-intimata biex jagħmel tajjeb għal dak li hija issa tippretendi bil-ħruġ tal-Mandat[26]. Dwar jekk il-kumpannija intimata wrietx xi ġustifikazzjoni dwar il-ħruġ tal-Mandat din il-Qorti diġa' kellha okkażjoni tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha aktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent ma weriex li huwa talab lill-intimata tneħħi l-Mandat qabel ressaq ir-Rikors promotur, kif irid l-artikolu 836(8)(b) tal-Kodiċi;

Illi dwar l-aspett tal-interpellazzjoni, il-kumpannija intimata tistqarr li ma bagħtitx interpellazzjoni uffiċjali lir-rikorrent qabel talbet il-ħruġ tal-Mandat[27]. Iżda dan waħdu ma jwassalx għall-għoti ta' penali taħt dan is-sub-inċiż. Dwar x'għamla ta' interpellazzjoni jmissu jintwera li saret għall-finijiet ta' dan is-subartikolu ngħad li l-interpellazzjoni li għaliha tirreferi l-liġi ma hijiex biss dik ġudizzjarja, imma li tista' tkun b'kull mod[28]. Hawnhekk ukoll, tressqu provi dokumentali[29] li juru li saret talba lir-rikorrent biex jagħmel tajjeb għad-danni li l-intimata tgħid li huwa ikkawżalha. Il-Qorti tinnota, madankollu, li dawn it-talbiet seħħew iżjed minn ħmistax-il jum qabel inħareġ il-Mandat. Iżda l-istess dokumenti jagħtu ħjiel qawwi li l-kumpannija intimata kienet qegħda tirriżerva li tiddefendi ruħha "b'kull mezz" għall-proċeduri (fosthom Mandat ta' Sekwestru) li r-rikorrent kien ressaq xi jiem qabel kontriha;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tagħmel riferenza kemm għal dak li ngħad iżjed 'il fuq dwar il-kwestjoni tal-garanzija alternativa, u kif ukoll għax-xhieda mressqa mir-rikorrent[30] dwar il-ġid li huwa għandu u l-għarfien min-

[26] Xhieda tar-rikorrent 30.10.2001, f'paġ. 18 tal-atti
[27] Xhieda ta' David Stellini 31.10.2001, f'paġ. 96 tal-atti
[28] Ara, per eżempju, P.A. TM **18.9.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***
[29] Ara ittri legali 18.5.2001 u 19.6.2001 mibgħuta lir-rikorrent jew lil-legali tiegħu f'paġġ. 47-8 u 50-1 tal-atti
[30] Xhieda tar-rikorrent 30.10.2001, f'paġġ. 19-20 tal-atti

naħa ta' terzi persuni dwar il-likwidita' tiegħu u l-ħila tiegħu li jwettaq fil-ħin l-obbligazzjonijiet finanzjarji tiegħu[31]. Huwa jżid jgħid li billi, sa minn qabel ma nqalgħu l-kwestjonijiet bejniethom, David Stellini r-rappreżentant ewlieni tal-kumpannija intimata kien jafu personalment, messu kien jaf ukoll li r-rikorrent kien f'ċirkostanzi tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tiegħu u dwar il-ħila finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tal-kumpannija;

Illi dwar dan kollu, il-kumpannija intimata tirribatti billi tgħid li mhux talli r-rikorrent seħħlu juri kemm kien magħruf għal-likwidita' tiegħu, imma talli mill-provi li huwa stess ressaq ħarġet stampa fejn is-sekwestratarji qalu li ma kellhomx f'idejhom assi u flus biżżejjed tar-rikorrent biex itellgħu l-ammont imsemmi fil-Mandat u li l-ġid li r-rikorrent semma li għandu jew għandu sehem fih kien mgħobbi b'ipoteki favur terzi;

Illi dwar dawn is-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti tħoss li għandha tosserva li l-liġi titfa' importanza fuq il-fatt li l-qagħda finanzjarja likwida tal-parti eżekutata "kienet magħrufa sew". Minbarra li d-dokumenti li ressaq ir-rikorrent inħarġu minn banek kummerċjali fiż-żmien li kien għaddej is-smigħ tar-Rikors, dan it-tagħrif ma kienx disponibbli għal kulħadd, inkluża l-kumpannija intimata, kif sewwa osserva l-abbli difensur tagħha waqt it-trattazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti. Hekk ukoll, il-fatt li għal xi żmien, David Stellini kien joħroġ ma' oħt mart ir-rikorrent ma hijiex prova biżżejjed li l-qagħda finanzjarja likwida tar-rikorrent kienet magħrufa sew mill-kumpannija intimata. Prova xierqa ta' dan kollu r-rikorrent ma seħħux iġib 'il quddiem għas-sudisfazzjon tal-Qorti;

[31] Dokti "CS8", "CS9", u "CS10" f'paġġ. 35-7 tal-atti

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq dwar il-fondatezza tar-raġonevolezza tal-Mandat, ikollha tqis li meta l-kumpannija intimata talbet il-ħruġ tal-Mandat, riedet tħares il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tar-rikorrent għal dak li hija tqis bħala ħsara li huwa ikkawżalha, u li dan għamlitu fil-parametri tal-jeddijiet mogħtijin lilha mil-liġi. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[32];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimata eżekutanti għandha tiġi kundannata tħallas penali;

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-kumpannija intimata eżekutanti. Hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[33]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

---

[32] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[33] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera “kawża ġusta” biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala “kawża ġusta” għall-finijiet ta’ dan l-artikolu[34]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista’ jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[35], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi fil-każ preżenti, ir-rikorrent rabat l-applikabilita’ tal-artikolu 838A mal-kwestjoni tad-danni kbar li huwa ġarrab minħabba l-Mandat. Huwa wera li bil-ħruġ tal-Mandat, l-isem tajjeb li kellu ma’ terzi ttebba’ u nħolqu diffikultajiet serji fil-ħlas li kien irid jagħmel fit-tmexxija tal-uffiċċju professjonali tiegħu. Imma hawn ukoll il-Qorti jkollha tinnota li r-rikorrent m’għamel l-ebda tentativ li jillikwida tali danni jew jagħti ħjiel tal-entita’ tagħhom b’mod li l-Qorti setgħet tibni fehma li fuqha tiffissa l-ammont ta’ garanzija li setgħet timponi skond it-tieni talba tiegħu;

Illi, peress li għar-raġunijiet diġa msemmija aktar ‘il fuq din il-Qorti ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi fuq il-kumpannija intimata eżekutanti l-ħlas tal-penali, jiġi li m’hemm l-ebda raġuni għaliex tista’ tordna lill-istess kumpannija tagħti garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

[34] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[35] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-Perit Christian Spiteri billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------